# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 10 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru: 51/16 CSH**

**Christian Muscat u Agnes Muscat**

**vs**

**Justin Fenech u Amanda Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-atturi nhar id-9 ta' Marzu, 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom jhallsuhom is-somma ta' sitt elef u disgha u sittin ewro (€6,069) flimkien mal-imghaxijiet miftiehma ta' 5 fil-mija li bdew jiddekorru mill-1 ta' Novembru 2010, liema debitu huwa cert, likwidu u esigibbli u in oltre ammess waqt il-kawza numru 392/2012 deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-12 ta' Marzu 2014.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif intqal, u bil-konvenuti minn issa ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Justin Fenech u Amanda Lee Stivala ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Mejju 2016 fejn eccepew:

1. *'Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla u improponibbli stante li l-istess rikorrenti sal-mument tal-prezentata tar-rikors promotur ma kienux ssaldaw l-ispejjez u/jew hallsu lill-intimati l-ispejjez b'rabta mal-kawza numru 392/12 CSH bejn l-istess partijiet rigwardanti l-istess mertu u deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta.*

2. *Illi minghajr pregudizzzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok ma huwiex minnu li d-debitu reklamat huwa cert, likwidu u esegwibbli u fit-tieni lok l-ebda somma ma hija dovuta mill-intimati lir-rikorrrenti kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk talvolta jirrizulta li xi somma hija dovuta lir-rikorrenti mill-intimati din ghandha tigi pacuta kontra spejjez inkorsi mill-intimati li ghalihom kienu responsabbli r-rikorrenti.*

4. *Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti li huma ingunti in subizzjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.'*

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2016 Dr Brincat talab lill-konvenut jiccita l-Artikolu relevanti ghall-eccezzjoni tieghu u ghalhekk il-Qorti ordnat sabiex fis-seduta sussegwenti tigi trattata l-ewwel eccezzjoni.

Illi Dr Franco Galea ghamel referenza ghall-**Artikolu 907(2)** tal-Kapitolu 12 in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2016 giet trattata l-eccezzjoni preliminari.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2016 inghatat sentenza preliminary fejn gie deciz li l-Artikolu tal-Ligi citat mill-konvenut in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnu ma japplikax ghall-kaz in desamina u konsegwentement cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Rat l-affidavit tal-attur **Christian Muscat** ipprezentat fit-30 ta' Novembru, 2016 fejn ikkonferma li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2005 huwa u Agnes Muscat bieghu dar lesta minn kollox b'zewg bibien numerati tmienja u ghoxrin (28) u tletin (30) bl-isem ta' 'Hniena Divina' (qabel numerati 82/82A) Triq il-Qalb Imqaddsa, Rahal Gdid lil Justin Fenech u Amanda Lee Stivala kif jidhru fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien bil-prezz ta' sebgha u erbghin elf lira Maltin (Lm47,000).

Bi skrittura privata quddiem l-imsemmi Nutar Dr Patrick Critien, li saret fit-23 ta' Mejju 2005, ix-xerrejja ntrabtu li jhallsu lilu u lil martu l-ammonti li hemm fl-iskrittura. Huma ma hallsu l-ebda depozitu fuq konvenju ghalkemm intwera hekk u dan sar biex ix-xerrejja jkunu jistghu jinghataw self minn Bank Lokali (APS) u bil-patt li x-xerrejja jkollhom certifikat minn Perit li l-post huwa mibni skont il-ligi u bil-permessi kollha mehtiega.

Fl-iskrittura x-xerrejja ntrabtu li l-pagamenti jithallsu Lm50 fix-xahar, l-ewwel sena minghajr imghax, imbaghad wara sena jibdew jiddekorru imghaxijiet bir-rata ta' 5% fuq dak il-bilanc dovut wara sena mill-kuntratt, pagabbli ma' kull rata tal-kapital. Is-somma totali li x-xerrejja kellhom jaghtuhom kienet ta' Lm6,920. F'kaz li x-xerrejja jonqsu mill-pagament ta' zewg skadenzi tal-bilanc, allura huma kellhom id-dritt ghall-hlas tal-bilanc intier, (dritt li huma qatt ma

ezercitaw ghalkemm kien hemm bosta drabi li x-xerrejja naqsu li jghaddu l-pagamenti fil-hin. Ezempju f'Marzu 2010 hallsu ta' Jannar bl-ahhar pagament ikun fit-tnejn ta' Novembru 2010 biex ikopri Settembru/Ottubru 2010.)

F'Dicembru tal-istess sena (2010) il-mara tieghu cemplet lil Justin Fenech u nfurmatu li l-pagament skadew b'xahrejn (li kienet saret haga normali). Fenech irrisponda illi jinsab naqra maghfus. Il-mara qaltlu li ma jimportax u taghtu l-Milied it-tajjeb. Ghadda Jannar u ma rcevew xejn.

Fit-tnejn (2) ta' Frar 2011 ircevew ittra ufficjali mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn Justin Fenech u Amanda Lee Stivala allegaw li rrizultaw difetti latent fl-istess bini (qsim ta' xriek), dan wara sitt snin mill-bejgh u jghixu fih. Meta gew biex jixtru l-post x-xerrejja kienu nkarigaw perit taghhom minhabba illi kienu se jiehdu self mill-bank. Barra minhekk, hemm ukoll il-klawsola espressa fil-konvenju u l-kuntratt, li huma kienu se jixtru l-post fl-istat li jinsab dak iz-zmien (23 ta' Mejju 2005).

Fil-15 ta' Lulju 2011 l-Avv. Franco Galea kiteb ghan-nom ta' Justin Fenech u Amanda Lee Stivala fejn ipproponew li jhallsu s-somma ta' €1,000 (elf ewro) immedjatament ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghhom dwar il-flus li kellhom jaghtuhom, somma li hi inaccettabbli.

Wara li jinqatghu dak li kienu lahqu hallsu l-konvenuti, baqa' bilanc ta' €6,069. Imghax qatt ma hallsu.

Ghalhekk fl-affidavit tieghu l-attur qal li huma qieghdin jitolbu illi jithallsu s-somma bilancjali ta' sitt elef u disgha u sittin ewro (€6,069) bl-interessi mill-1 ta' Novembru 2011 sad-datat as-sentenza oltre l-ispejjes tal-kawza.

Rat l-affidavit tal-attrici **Agnes Muscat** fejn ikkonfermat li hija qrat l-affidavit ta' zewgha Christian Muscat u tista' tikkonferma l-fatti. Huma kellhom kull

intenzjoni li jghinu lix-xerrejja u ghalhekk ghamlu l-iskrittura fejn kellhom jaghtuhom Lm6,960.

Meta kienu jhallsu bil-Lm50, hija kienet fethet account il-Bank of Valletta, Paola u Justin Fenech kien jiddeposita l-pagament mensili ta' Lm 50 fih. Darba hallsu b'cheque. Fi ftehim hallsu wkoll Lm100 flok Lm50.

Meta bdew jaqbzu l-pagamenti hija kienet iccempel u tghid lir-ragel. Darba minnhom lejn il-Milied 2010 kienet qalet lill-konvenut li kellu zewg rati neqsin, u bghatihila sms u qallha li kien naqra maghfus, u taghtih ftit cans. Imma kien kollu ghal xejn. Wara bdew jghidu li kellhom il-hsara fil-post li ma kienx veru. Qalet li la ghadhom gabru l-bilanc tal-kapital li issa huwa €6,069 u naturalment l-anqas l-imghaxijiet.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fil-25 ta' Jannar 2017 li permezz taghha esebew kopja legali ta' xhieda li ta Justin Fenech fil-proceduri 392/12 CSH fl-ismijiet inversi. Fix-xhieda li kien ta Justin Fenech quddiem din l-istess Qorti f'kawza ohra li kienet ghaddejja bejn il-kontendenti stqarr li kien waqaf ihallas lill-atturi ghal perijodu ta' zmien u dan minhabba diversi ragunijiet fosthom li kien hemm difett fis-saqaf tant li waqaw ix-xorok ta' saqaf u sahansitra anke kien stedinhom sabiex imorru jaraw il-hsara li kien hemm. Cio' nonostante jghid li l-atturi rrifjutaw li jmorru jaraw. Jghid li kien tkellem mal-perit originali taghhom tad-dar kif ukoll mal-perit taghhom u jghid li irrizutlalu li kien hemm ammont konsiderevoli ta' hsara u kien hemm spejjez li kellhom isiru. Mistoqsi jekk kienx ghamel xi kawza minhabba dawn l-hsarat jghid li ma kienx ghamel.

Fil-15 ta' Marzu, 2017 xehed l-intimat **Justin Fenech** li kkonferma x-xhieda li hu kien ta f'kawza ohra u li tinsab esebita f'dawn l-atti a fol. 23. Ikkonferma li minn dakinhar li kien xehed, u cioe' mit-12 ta' Frar 2014, sallum m'ghamel l-ebda pagament iehor.

**Justin Fenech** rega' xehed fl-10 ta' Mejju 2017. Muri d-dokumenti li gie esebit seduta stante (a fol. 29) ikkonferma li din hija skrittura privata u fuqha gharaf il-firma tieghu, izda ma kienx f'posizzjoni li jaghraf il-firma ta' Amanda.

Il-konvenut **Justin Fenech** rega' xehed in kontro-ezami nhar l-24 ta' Mejju, 2017 u kkonferma li huwa u Amanda kienu xtraw il-fond 29/30, Triq il-Qalb ta' Gesu, Rahal Gdid. F'xi 2010 kien waqa' parti mis-saqaf tal-kcina. Il-parti li waqghet kienet tinsab fuq il-mejda tal-kcina. Qal li s-saqaf kien tax-xorok u waqa' parti mix-xorok. Dan kien tard filghaxija u ghalhekk l-ghada filghodu kienu cemplu lill-atturi sabiex jghidulhom imorru jaraw il-hsara li kien hemm, pero' dawn irrifjutaw, anke meta hu baqa' jinsisti maghhom. Kellem lill-perit li originarjament kien inkarigat mill-post, u dan ukoll irrifjuta li jmur jara. Spjega li dan kien il-Perit Joe Grech, li kien inkarigat mill-atturi. Inoltre meta cempel lill-bennej, dan ma kellmux. Ghalhekk huma kellmu lill-perit taghhom, Anton Zammit, li ghamel rapport tal-hsarat. Esebixxa kopja ta' dan ir-rapport, li gie mmarkat bhala Dok. Z. Baghtu kopja tar-rapport lill-atturi u regghu talbuhom jiltaqghu biex jiddiskutu l-problema.

Spjega li li kien fadal xi bilanc fuq il-bejgh u huma zammewhom ghall-hsarat li sofrew, ghalkemm din ma kinitx l-*approach* li xtaq jiehu. Zied jghid li minhabba din il-problema damu numru ta' xhur ma jistghux juzaw il-kcina, ghaliex xtaq li l-atturi jmorru jaraw il-hsarat u anke ghaliex ma kienx f'posizzjoni li jsewwi. Eventwalment is-saqaf issewwa u kellhom iqabbdu xi nies. Semma li ma kienx thallas ta' l-ispejjez tal-kawza l-ohra, fejn hu kien attakka n-notifika tal-ittra ufficjali. Ikkonferma wkoll li l-atturi kienu ghamlu ipoteka fuq il-post u sa fejn jaf hu din ghadha hemm. Zied jghid li sallum ghadu koncernat li tista' taqa' xi parti ohra mis-saqaf, ghaliex dan jirrizulta anke mir-rapport tal-perit. Mistoqsi jekk ghamilx kawza kontra l-atturi dwar il-hsarat, qal li minhabba raguni ta' finanzi m'ghamilx.

Fil-5 ta' Lulju, 2017 xehed il-**Perit Anton Zammit.** Ikkonferma li r-rapport esebit fl-atti a fol. 37 et seq, u mmarkat bhala Dok. Z, thejja minnu u fil-fatt seduta stante ffirma l-awtenticita' tieghu. Ikkkonferma wkoll il-kontenut. Qal li kien acceda fuq il-post fis-sena 2010-2011. Zied jghid li l-hsara kienet fuq xriek wiehed, pero' rrizulta li kien hemm xoghol hazin ghaliex kien hemm xriek li nqasam u waqa'. Spjega li s-soltu meta jinqasam xriek, dan ma jaqax ghax ikunu maghfusin fuq xulxin. Irrizulta li s-saqaf inbidel u sar mill-gdid. Qal li l-periklu kien wiehed imminenti hafna ghaliex ma setghux jaraw il-kundizzjoni tax-xorok l-ohra u ghalhekk jekk jaqa' xriek wiehed fuq persuna jista' jkun fatali. Il-hsara li seta' jikkalkula kienu jammontaw ghal madwar elfejn Ewro (€2,000).

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2017, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Il-kawza giet trattata fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2017, fejn thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsuhom is-somma pretiza minnhom fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef u disgha u sittin ewro (€6.069) rapprezentanti debitu tal-konvenuti li huwa cert, likwidu u dovut. Illi l-konvenuti ma jikkontestawx l-ammont mitlub mill-atturi izda jghidu li ma ghamlu l-ebda pagament lill-atturi minkejja li kienu intrabtu li jaghmlu hekk skond l-iskrittura esebita fl-atti a fol. 29 b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira Maltin (Lm 50) u dan m'ghamluhx minhabba l-hsara li huma kellhom fid-dar li kienu xtraw minghand l-istess atturi. In oltre jghidu ukoll li peress li huma ghandhom jiehdu minghand l-atturi l-ispejjez li kienu inkorrew f kawza ohra bejniethom gja

deciza minn din l-istess Qorti fl-ismijiet inversi Rikors Numru 392/12, ghalhekk semmai l-ammont ghandu jigi pacut.

Dwar dawn il-flejjes fl-ammont ta’ mija u tlieta u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€153.28) skond it taxxa esebita a fol 31 l-atturi ma jghidu xejn minkejja li l-konvenuti ghamlu ecezzjoni f’dan ir-rigward.

***Konsiderazzonijiet legali***

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` u l-veracita` tal-provi huma determinanti, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova, u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza “**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**” (mhux appellata), din il-Qorti (PA/JRM) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

“… *Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta’ prova fil-procediment civili m’huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b’daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b’sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f’kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar*

*meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika*" (ara - P.A. PS - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et -**konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka* (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). *Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha* (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**)

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**).

… Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ...certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et**)

Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu kienu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**)

Fil-kwadru tal-insenjamenti li johorgu minn din is-sentenza, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum.

1. Illi mhux kontestat li l-konvenuti fil-fatt huma debituri tal-atturi fis-somma reklamata minnhom u dan ghaliex fl-ebda hin ma xehdu u qalu l-kuntrarju u/ jew cahdu dak allegat mill-istess atturi.
2. Illi huwa possibli anke probabbli li in effetti verament kien hemm hsara fil-fond li gie mibjugh lill-konvenuti mill-atturi kif deskritti mill-Perit Anton Zammit pero' l-konvenuti ma hadu l-ebda passi gudizzjarji sabiex jindirrizzaw tali talba.
3. Illi jista' ikun minnu li in effetti l-atturi ma hallsux l-ispejjez li gew ikkundannati ihallsu lill-konvenuti odjerni fil-kawza fl-ismijiet inversi Rikors Numru 392/12 pero' fl-atti ma jidhirx li hawn esebita t-taxxa relattiva u hawn biss esebita taxxa li tirigwarda xi dritt fuq ittra ufficjali maghmula mill-atturi odjerni kontra l-konvenuti li tirrigwarda talba taghhom sabiex l-konvenuti ihallsuhom id-debitu reklamat f'dan ir-rikors.

Illi l-konvenuti qed jecepixxu bhala eccezzjoni fl-ewwel lok l-fatt li l-atturi ma hallsux l-ispejjez konenssi mal-kawza numru 392/12 liema eccezzjoni gja giet trattata fis-sentenza preliminari taghha nhar id-19 ta' Ottubru 2016 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Fit-tieni lok l-konvenuti qed jeccepixxu li t-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhux minnu li d-debitu huwa cert likwidu u dovut. Jinghad bla tlaqliq li l-konvenuti qatt ma cahdu li ghandhom jaghtu is-somma pretiza mill-atturi fir-rikors promotur taghhom izda stqarrew li ma hallsux ghaliex ippretendu li jircievu hlas ghad-danni sofferti minnhom fil-propjeta' li xtraw minghand l-atturi u ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll ma ssibx konfort mal-Qorti.

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenuti qajmu l-eccezzjoni tat-tpacija. F'dan ir-rigward jinghad is-segwenti:

L-**Art 1197 tal-Kap 16** jaqra hekk –

(1) *It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it- tnejn bhala oġġett somma ta` flus, jew kwantità determinata ta` hwejjeġ funġibbli ta` l-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.*
*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f`dik li hija kwantità.*

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Marzu 2012 fil-kawza "**Farrugia pro et noe vs Exalco Holdings Ltd**"il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –

*'Illi jibda biex jinghad li t-tpacija ssehh hekk kif tnejn min-nies ikunu, fl-istess waqt, ukoll debituri ta` xulxin. Kemm hu hekk, din it-tpacija ssir bis-sahha tal-ligi wkoll jekk kemm-il darba d-debituri ma jkunux jafu li qeghda ssehh. It-tpacija ssehh fejn ikun hemm zewgt idjun li jkollhom somma ta` flus jew haga fungibbli ta` l-istess speci u dan sakemm iz-zewgt idjun ikunu likwidi u dovuti ;*

*Illi, minbarra dan, it-tpacija hija meqjusa mil-ligi bhala wahda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni. Biex issehh it-tpacija, ghalhekk, jehtieg li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, ghal kollox jew f`bicca, obbligazzjoni ohra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpacija, meta tigi eccepita, tammonta ghal stqarrija ta` gharfien tal-obbligazzjoni li kontra taghha t-tpacija ssir. Kemm hu hekk, inghad li t-tpacija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ;*

*Illi t-tpacija ssehh bis-sahha tal-ligi nnifisha wkoll jekk minghajr l-gharfien tad-debituri nfushom, b`mod li hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed joqtlu `l xulxin safejn ikunu ndaqs. Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh li, fit-tpacija, "i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge ..."* ;

Illi t-tpacija tista` titqies bhala hlas reciproku li jitfi z-zewg obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sal-ammont tal-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibqa` skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq `il dak li jkun icken;

Illi l-ligi taghna taghraf zewg ghamliet ta` tpacija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista` ssehh it-tpacija legali jehtieg jintwera li

(a) jkun hemm zewg djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur),

(b) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta` xulxin,

(c) li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta` flus jew haga ohra fungibbli);

(d) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f`dik li hija kwantita`, u

(e) li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu ;

Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu `l xulxin, id-dottrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li tintwera "l`autonomia dei contrapposti rapporti di credito".

Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b`awtorita` interpretativa li "*La compensazione suppone l`autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapport accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe` in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo` parlarsi di compensazione in senso tecnico*";

Ir-resokont f`termini guridici tal-premess, meta applikati ghall-kaz tal-lum, ghandu jfisser illi bil-fatt biss illi fit-tielet eccezzjoni, il-konvenuti ghazlu modo proprio li jeccepixxu t-tpacija dak ghandu jfisser illi l-konvenuti kienu qieghdin jaccettaw illi huma debituri tal-atturi.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz tal-lum ma jistax ikun hemm tpacija ghaliex l-konvenuti ma ipprovawx l-ammont li semmai ghandhom jiehdu minghand l-atturi rapprezentanti l-ispejjez involuti fil-kawza gja deciza fl-ismijiet inversi rikors numru 392/12. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, qed tilqa' it-talba attrici u ghalhekk qiegdha tordna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi dik is-somma pretiza minnhom fir-rikors promotur taghhom fl-ammont ta' sitt elef u disgha u sittin ewro (€6,069).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax fuq is-somma dovuta mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 1666/11 esebita fl-atti a fol 30 tal-process.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**